Nru. 18,116
Prezz/Price
Lm1.12 (€2.61)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 21 ta' Awissu, 2007
Tuesday, 21st August, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 748

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,113 u 18,115 ta' l-14 u s-17 ta' Awissu, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 226 ta' l-2007: Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap. 171); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port.

A.L. Nru. 227 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2007 dwar Ikel Ipproċessat b'bażi ta' Ċereali u Ikel ieħor għat-Trabi u għat-Tfal Żgħar.

A.L. Nru. 228 ta' l-2007: Ordinanza dwar id-Dfin (Kap. 17); Ordni ta' l-2007 għall-Prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra.

A.L. Nru. 229 ta' l-2007: Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Emenda Nru. 3).

A.L. Nru. 230 ta' l-2007: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Attivitajiet fil-Maniġġar ta' Skart.

A.L. Nru. 231 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti (Kap. 427) Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424); Regolamenti ta' l-2007 dwar Spezzjoni ta' Liftijiet.

A.L. Nru. 232 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Organic Farming (Amendment Regulations), 2007.*

GOVERNMENT NOTICES

No. 748

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,113 and 18,115 of the 14th and the 17th August, 2007 respectively.

L.N. No. 226 of 2007: Port Workers Ordinance (Cap. 171); Port Workers (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 227 of 2007: Food Safety Act (Cap. 449); Processed Cereal-Based Foods and Other Foods for Infants and Young Children Regulations, 2007.

L.N. No. 228 of 2007: Burials Ordinance (Cap. 17); Prices Payable for the Acquisition of Graves and Grave Sites Order, 2007.

L.N. No. 229 of 2007: Eco-Contribution Act (Cap. 473); Eco-Contribution Act (Amendment of First Schedule) (No. 3) Regulations, 2007.

L.N. No. 230 of 2007: Environment Protection Act (Cap. 435); Commencement Notice of the Waste Management (Activity Registration) Regulations, 2007.

L.N. No. 231 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427) Occupational Health and Safety Authority Act (Cap. 424); Inspection of Lifts Regulations, 2007.

L.N. No. 232 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Organic farming (Amendment Regulations), 2007.

A.L. Nru. 233 ta' l-2007: Ordinanza dwar id-Drittijiet (Kap. 35); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu lid-Dipartimenti tal-Gvern.

A.L. Nru. 234 ta' l-2007: *Civil Aviation Act (Cap. 232); Civil Aviation (Rights of Disabled persons and Persons with Reduced Mobility) Regulations, 2007*.

A.L. Nru. 235 ta' l-2007: Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Kap. 441); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Emenda Nru. 4).

A.L. Nru. 236 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni ta' l-2007 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Il-21 ta' Awissu, 2007

L.N. No. 233 of 2007: Fees Ordinance (Cap. 35); Fees Leviable by Government Departments (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 234 of 2007: Civil Aviation Act (Cap. 232); Civil Aviation (Rights of Disabled persons and Persons with Reduced Mobility) Regulations, 2007.

L.N. No. 235 of 2007: Trading Licences Act (Cap. 441); Trading Licences (Amendment) (No. 4) Regulations, 2007.

L.N. No. 236 of 2007: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) (No.3) Order, 2007.

21st August, 2007

Nru. 749

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-21 ta' Awissu, 2007

(File No. L380/79/III/1)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata s-27 ta' Jannar, 1986 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Frar, 1986 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 80, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-fond Nru. 144 fi Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa, huwa meħtieġ mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn dan il-fond m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-fond hawn taħt imsemmi m'għadux aktar meħtieġ mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

Il-fond li ġej fil-Marsa:-

1. Parti mill-fond Nru. 144, li tikkonsisti f'parti mill-pjan terran, l-ewwel sular u l-arja ta' fuqu, fi Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa.

No. 749

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

21st August, 2007

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta dated 27th January, 1986 and published in the Government Gazette of the 4th February, 1986 under Notice No. 80, the President of Malta had declared that the premises No. 144 in Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this premises is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned premises is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following premises at Marsa:-

1. Part of premises No. 144, consisting partly of the ground floor, the first floor and the overlying airspace, in Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa.

Il-fond hawn fuq imsemmi jidher immarkat bil-kulur aħmar u muri bħala nri. 3 u 4 fuq il-pjanta P.D. 101_2002_A, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

L-14 ta' Awissu, 2007

Nru. 750

'WARRANT' MID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Awtorità dwar Riżorsi (Malta)
Dott. Andrè Buttigieg, LL.D.

Kumitat għall-Infurzar tal-Liġi u Ordni Pubblika
Dott. Kevin Micallef, LL.D.

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Is-Sur Patrick Mifsud
Ms Joanna Pisani
Is-Sur Joseph Vella
Ms Chantal Sciberras
Is-Sur Iain Galea
Ms Francesca Amodeo
Is-Sur Kristian Bonnici
Dott. Claude Depasquale
Is-Sur Wilfred Kenely
Dott. Nicole Lungaro Mifsud
Is-Sur Saviour Falzon
Ms Rebecca Vella
Dott. Franklyn Bonello
Dott. Ivan Fsadni
Dott. Tanya Vella
Lt. Kurunell Martin Xuereb
Is-Sur Victor Camilleri
Is-Sur Jonathan Galea
Is-Sur Gaetan Naudi
Dott. Noel Buttigieg Scicluna
Ms Francesca Gatt
Ms Therese Brincat
Dott. Mariella Grech
Is-Sur Walter Mallia

The abovementioned premises is shown marked in red and shown as nos. 3 and 4 on plan P.D. 101_2002_A, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

14th August, 2007

No. 750

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Home Affairs appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Malta Resources Authority
Dr Andrè Buttigieg, LL.D.

L. E. S. Management Committee
Dr Kevin Micallef, LL.D.

Ministry of Foreign Affairs
Mr Patrick Mifsud
Ms Joanna Pisani
Mr Joseph Vella
Ms Chantal Sciberras
Mr Iain Galea
Ms Francesca Amodeo
Mr Kristian Bonnici
Dr Claude Depasquale
Mr Wilfred Kenely
Dr Nicole Lungaro Mifsud
Mr Saviour Falzon
Ms Rebecca Vella
Dr Franklyn Bonello
Dr Ivan Fsadni
Dr Tanya Vella
Lt. Col. Martin Xuereb
Mr Victor Camilleri
Mr Jonathan Galea
Mr Gaetan Naudi
Dr Noel Buttigieg Scicluna
Ms Francesca Gatt
Ms Therese Brincat
Dr Mariella Grech
Mr Walter Mallia

Is-Sur Saviour J. Stellini
Is-Sur Saviour Borg
Is-Sur Chris Grima

Pulizija
Suprintendent Mario Spiteri
L-Ispettur Simon Galea

B'Awtorità

TONIO BORG
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

Il-21 ta' Awissu, 2007
(MJHA/144/2003/V)

Nru. 751

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

Mr Saviour J. Stellini
Mr Saviour Borg
Mr Chris Grima

Police
Superintendent Mario Spiteri
Inspector Simon Galea

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

21st August, 2007

No. 751

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Frank Micallef	Direttur Ġenerali *Director General*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	26.8 - 9.9.2007 23 - 27.9.2007

Il-21 ta' Awissu, 2007

21st August, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 85

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huma pprojbiti fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Isla

Nhar it-Tlieta, l-4 ta' Settembru, 2007, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: Pjazza 4 ta' Settembru, San Mikiel, il-Ponta, is-Sirena, il-Miġja tal-Papa u l-Kunċizzjoni.

POLICE NOTICE

No. 85

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and time indicated.

Senglea

On Tuesday, 4th September, 2007, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza 4 ta' Settembru, San Mikiel, il-Ponta, is-Sirena, il-Miġja tal-Papa and il-Kunċizzjoni.

Nhar il-Ħamis, is-6 ta' Settembru, 2007, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: Pjazza 4 ta' Settembru, San Ġiljan, il-Kurċifiss, San Lawrenz, Pjazza Papa Benedittu XV, l-Isqof Mattei, iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra u l-Vitorja.

Nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Settembru, 2007, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: Pjazza 4 ta' Settembru, San Ġiljan, iż-Żewġ Mini, Misraħ George Mitrovic, l-Arċisqof Mattei, Misraħ Papa Benedittu XV, il-Vitorja, is-Sur tal-Gardjola u Misraħ F. Zahra.

Nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Settembru, 2007, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: Pjazza Papa Benedittu XV, il-Vittmi tal-Gwerra, il-Ħabs l-Antik, L-Oratorju, il-Maċina, il-Vitorja, Pjazza F. Zahra, iż-Żewġ Mini, San Ġiljan, San Ġużepp, San Lawrenz u x-Xatt Juan B.Azopardi.

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Settembru, 2007, mid-9.00 a.m. 'il quddiem, mill-Ponta ta' l-Isla.

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Settembru, 2007, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: l-Isqof Mattei, il-Ħabs l-Antik, San Ġużepp, il-Maċina, Triq ix-Xatt, il-Miġja tal-Papa, iż-Żewġ Mini, il-Vitorja u quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, it-8 ta' Settembru, 2007 mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, minn Dockyard Creek sal-Maċina u Dockyard South Gate.

Huwa pprojbit li vetturi jipparkjaw fid-dati u l-ħinijiet imsemmija fit-toroq indikati, u dawk misjuba pparkjati f'dawn it-toroq jiġu rmunkati.

Għajnsielem, Għawdex

Nhar l-Erbgħa, it-22 ta'Awissu, 2007 fil-5.00 p.m. mill-Pjazza Madonna ta' Loreto.

Nhar il-Ħamis, it-23 ta' Awissu, 2007, mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Latini, Simirat, Pjazza Indipendenza, Ramon Perellos u l-Pjazza Madonna ta' Loreto.

Nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Awissu, 2007 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: J.F.Chambrai sa Pjazza Madonna ta' Loreto, l-Imġarr u Triq Għajnsielem.

Nhar is-Sibt, il-25 ta' Awissu, 2007, mill-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Cordina up to Pjazza Madonna ta' Loreto, Fawwara, Pjazza tad-Dehra, Pjazza Indipendenza, Simirat, Ramon Perellos, Triq Għajnsielem, Ħamri, il-Ġnien u J.F. Chambrai.

On Thursday, 6th September, 2007, from 5.00 p.m. onwards, through the following streets: Pjazza 4 ta' Settembru, San Ġiljan, il-Kurċifiss, San Lawrenz, Pjazza Papa Benedittu XV, l-Isqof Mattei, iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra and il-Vitorja.

On Friday, 7th September, 2007, from 7.00 a.m. onwards, through the following streets: Pjazza 4 ta' Settembru, San Ġiljan, iż-Żewġ Mini, Misraħ George Mitrovic, l-Arċisqof Mattei, Misraħ Papa Benedittu XV, il-Vitorja, is-Sur tal-Gardjola and Misraħ F. Zahra.

On Friday, 7th September ,2007, from 5.00 p.m. onwards, through the following streets: Pjazza Papa Benedittu XV, il-Vittmi tal-Gwerra, il-Ħabs l-Antik, L-Oratorju, il-Maċina, il-Vitorja, Pjazza F. Zahra, iż-Żewġ Mini, San Ġiljan, San Ġużepp, San Lawrenz and Xatt Juan B.Azopardi.

On Saturday, 8th September, 2007, from 9.00 a.m. onwards, through Il-Ponta ta' l-Isla.

On Saturday, 8th September, 2007, from 4.00 p.m. onwards, through the following streets: l-Isqof Mattei, il-Ħabs l-Antik, San Ġużepp, il-Maċina, Triq ix-Xatt, il-Miġja tal-Papa, iż-Żewġ Mini, il-Vitorja and infront of Parish Church.

On Saturday, 8th September, 2007 as from 6.00 a.m. till midnight, through Dockyard Creek bordering with Maċina and Dockyard South Gate.

Vehicles are not allowed to park on the dates and times at the indicated streets, and those found parked in such streets will be towed.

Għajnsielem, Gozo

On Wednesday, 22nd August, 2007 from 5.00 p.m. from Pjazza Madonna ta' Loreto.

On Thursday, 23rd August, 2007 from 6.00 p.m. through the following streets: Latini, Simirat, Pjazza Indipendenza, Ramon Perellos and Pjazza Madonna ta' Loreto.

On Friday, 24th August, 2007 from 6.00 p.m. through the following streets: J.F.Chambrai up to Pjazza Madonna ta' Loreto, l-Imġarr and Triq Għajnsielem.

On Saturday, 25th August 2007, from 10.00 a.m. through the following streets: Cordina up to Pjazza Madonna ta' Loreto, Fawwara, Pjazza tad-Dehra, Pjazza Indipendenza, Simirat, Ramon Perellos, Triq Għajnsielem, Ħamri, il-Ġnien and J.F. Chambrai.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Awissu, 2007 mill-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Cordina, l-Imġarr, Pjazza Madonna ta' Loreto, il-Ġnien, Ħamri, Pjazza tad-Dehra, Fawwara, Ramon Perellos, Anġelo Grech, il-Mogħdija, J. F. Chambrai, Għajnsielem, Ġużeppi Galea Rapa u Pjazza l-Indipendenza.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Awissu, 2007

On Sunday, 26th August, 2007 from 10.00 a.m. through the following streets: Cordina, l-Imġarr, Pjazza Madonna ta' Loreto, il-Ġnien, Ħamri, Pjazza tad-Dehra, Fawwara, Ramon Perellos, Anġelo Grech, il-Mogħdija, J.F. Chambrai, Għajnsielem, Ġuzeppi Galea Rapa and Pjazza l-Indipendenza.

The parking of vehicles along the abovementioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

21st August, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 86

Il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan jgħarraf illi bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt għandhom jitqiesu bħala Żoni ta' Rmonk kif muri hawn taħt.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Nhar it-Tlieta, it-28 ta' Awissu, 2007 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa (minn Triq l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajjada, Pjazza Vittorja, il-Labour (minn Vjal il-21 ta' Settembru sa Pjazza Vittorja) u l-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, il-31 ta' Awissu, 2007 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Santa Luċija (minn Triq il-Forn sa Sqaq Nru. 9 fi Triq Santa Luċija)

Nhar il-Ħadd, it-2 ta' Settembru, 2007, minn nofsinhar sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Santa Luċija (minn Triq il-Forn sal-kappella fi Triq Santa Luċija)

Nhar it-Tlieta, l-4 ta' Settembru, 2007, sal-Ġimgħa, is-7 ta' Settembru, 2007, mit-toroq li ġejjin: Triq il-Parroċċa (minn Triq l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajjada, Pjazza Vittorja, il-Labour (minn Vjal il-21 ta' Settembru sa Pjazza Vittorja), il-Kbira u Triq Santa Luċija.

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Settembru, 2007, mit-toroq li ġejjin: Triq il-Parroċċa (minn Triq l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajjada, Pjazza Vittorja, Triq il-Labour

POLICE NOTICE

No. 86

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap.65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Naxxar

On Tuesday, 28th August, 2007 from 5.00 p.m. till midnight, through the following streets: il-Parroċċa (from Triq l-Oratorju to Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajjada, Pjazza Vittorja, il-Labour (from Vjal il-21 ta' Settembru to Pjazza Vittorja) and il-Kbira.

On Friday, 31st August, 2007 from 4.00 p.m. till midnight through the following streets: Santa Luċija (from Triq il-Forn to Sqaq Nru. 9 in Triq Santa Luċija)

On Sunday, 2nd September, 2007, from noon till midnight through the following streets: Santa Luċija (from Triq il-Forn to the chapel in Triq Santa Luċija)

On Tuesday, 4th September, 2007, till Friday, 7th September, 2007, through the following streets: Triq il-Parroċċa (from Triq l-Oratorju to Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajjada, Pjazza Vittorja, il-Labour (from Vjal il-21 ta' Settembru to Pjazza Vittorja), il-Kbira and Triq Santa Luċija.

On Saturday, 8th September, 2007, through the following streets: Triq il-Parroċċa (from Triq l-Oratorju to Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajjada, Pjazza Vittorja, Triq il-Labour

(minn Vjal il-21 ta' Settembru sa Pjazza Vittorja), Vjal il-21 ta' Settembru, Triq l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, Zenqa, Santa Luċija u l-Kbira.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Awissu, 2007

(from Vjal il-21 ta' Settembru to Pjazza Vittorja), Vjal il-21 ta' Settembru, Triq l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, Zenqa, Santa Luċija and il-Kbira.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

21st August, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 87

Il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan jgħarraf illi bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt għandhom jitqiesu bħala Żoni ta' Rmonk kif muri hawn taħt.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġiljan

Nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Awissu, 2007, bejn is-7.00 p.m. u nofsillejl, mit-toroq li ġejjin: Lapsi, it-Telgħa ta' Birkirkara, San Mark, San Mikiel, sal-kappella l-Qadima ta' Lapsi.

Nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Awissu, 2007, bejn is-7.00 p.m. and 9.00 p.m., mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja Parrokkjali, il-Kbira, tal-Karmnu, Sant' Anġlu u Lapsi sal-kappella ta' Lapsi.

Nhar il-Ħamis, it-23 ta' Awissu, 2007, bejn is-7.00 p.m. u n-nofsiegħa, mit-toroq li ġejjin: minn ħdejn il-Knisja Parrokkjali, il-Kbira, Pjazza l-Qalb Imqaddsa, Wied Għomor, Forrest, il-Mensija, Triq Spinola, Triq San Ġorġ u Trejqet San Ġorġ.

Nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Awissu, 2007, bejn is-7.00 p.m. till midnight, mit-toroq li ġejjin: Elija Zammit, Dragonara, Wilġa, il-Knisja, Schrieber, Vjal Paceville, Ross, San Ġorġ sal-Bajja ta' Spinola.

Nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Awissu, 2007, bejn is-7.00 p.m. san-nofsiegħa, mit-toroq li ġejjin: it-Telgħa ta' Birkirkara, Triq Sant' Anġlu, Lapsi, il-Kbira, San Ġorġ sal-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan.

Nhar is-Sibt, il-25 ta' Awissu, 2007, bejn is-7.30 p.m. u s-1.00 a.m., mit-toroq li ġejjin: ħdejn il-Knisja l-Qadima ta' Lapsi, Triq Lapsi, Sant' Anġlu, il-Karmnu, San Elija, il-Kbira, George Borg Olivier, (quddiem City of London Bar), San Ġorġ sal-Każin tal-Banda ta' Spinola.

POLICE NOTICE

No. 87

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones on the dates and the times listed indicated hereunder.

In Virtue of Section 52(1) of the traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the stopping (Parking) of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Saint Julians

On Wednesday 22nd August 2007, between 7.00 p.m. and midnight, through the following streets: Lapsi, it-Telgħa ta' Birkirkara, San Mark, San Mikiel, up to old Lapsi Chapel.

On Wednesday 22nd August 2007, between 7.00 p.m. and 9.00 p.m. through the following streets: from the Parish Church, il-Kbira, tal-Karmnu, Sant' Anġlu and up to old Lapsi chapel.

On Thursday 23rd August 2007, between 7.00 p.m. and 00.30 a.m., from the following streets: from near the Parish Church, il-Kbira, Sacred Heart Square, Wied Għomor, Forrest, il-Mensija, Triq Spinola, Triq San Ġorġ and Trejqet San Ġorġ.

On Friday, 24th August 2007 between 7.00 p.m. till midnight, through the following streets: Elija Zammit, Dragonara, Wilġa, il-Knisja, Schrieber, Vjal Paceville, Ross, San Ġorġ up to Spinola Bay.

On Friday, 24th August 2007 between 7.00pm up to 00.30 a.m., through the foloowing streets: it-Telgħa ta' Birkirkara, Triq Sant' Anġlu, Lapsi, il-Kbira, San Ġorġ uo St Julians Band Club.

On Saturday 25th August 2007 between 7.30 p.m. and 01.00 a.m. through the following streets: near the Old Lapsi Church, Triq Lapsi, Sant' Anġlu, il-Karmnu, San Elija, il-Kbira, George Borg Olivier, (opposite City of London Bar), San Ġorġ up to Spinola Band Club.

Nhar is-Sibt, il-25 ta' Awissu, 2007, bejn il-5.30 p.m. and 7.00 p.m. mill-Knisja ta' Lapsi l-qadima sa Triq Lapsi sal-Knisja tal-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Awissu, 2007 bejn l-10.00 a.m. and 3.00 p.m., mit-toroq li ġejjin: Mikiel Anġ Borg mill-Pjazza l-Qalb Imqaddsa sad-dħul fil-mini minn Triq Reġjonali u taħt il-Pont Manwel Dimech, Triq San Ġorġ minn ħdejn il-Knisja ta' l-Immakulata Konċezzjoni, il-Kbira, George Borg Olivier sa Triq San Ġorġ, minn Triq San Ġorġ sa Pjazza l-Qalb Imqaddsa sa ħdejn il-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Awissu, 2007, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl, mit-toroq li ġejjin: minn ħdejn il-Knisja Parrokkjali, Forrest, il-Mensija, San Ġorġ, il-Kbira, Lapsi, Sant'Anġlu, it-Telgħa ta' Birkirkara, George Borg Olivier u Pjazza l-Qalb Imqaddsa.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Awissu, 2007, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl, mit-toroq li ġejjin: George Borg Olivier, San Ġorġ sal-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan, Pjazza l-Qalb Imqaddsa sa Wied Għomor sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Awissu, 2007, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl, mit-toroq li ġejjin: Mikiel Anġ Borg (mill-Pjazza l-Qalb Imqaddsa sad-dħul fil-mini minn Triq Reġjonali, Forrest, il-Mensija, San Ġorg, il-Kbira, Lapsi, Sant' Anġlu, it-Telgħa ta' Birkirkara, il-Kbira, Pjazza l-Qalb Imqaddsa, George Borg Olivier, Wied Għomor sal-Knisja Parrokkjali.

Vetturi li jinsabu jiksru ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Awissu, 2007

On Saturday 25th August 2007 between 5.30 p.m. and 7.00 p.m. from old Lapsi Church along Triq Lapsi up to the Parish Church.

On Sunday, 26th August 2007 between 10.00 a.m. and 3.00 p.m., through the following streets: Mikiel Anġ Borg from Pjazza l-Qalb Imqaddsa up to Regional Road entrance of the tunnels and also up to underneath Manwel Dimech Bridge, Triq San Ġorġ from near the Immaculate Conception Church, il-Kbira, George Borg Olivier up to Triq San Ġorġ, from Triq San Ġorġ to Pjazza l-Qalb Imqaddsa and near St Julian's Band Club.

On Sunday, 26th August 2007 between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: from the Parish Church, Forrest, il-Mensija, San Ġorġ, il-Kbira, Lapsi, Sant'Anġlu, it-Telgħa ta' Birkirkara, George Borg Olivier and Pjazza l-Qalb Imqaddsa.

On Sunday, 26th August 2007 between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: George Borg Olivier, San Ġorġ up to St Julian's Band Club , Pjazza l-Qalb Imqaddsa up to Wied Għomor to the Parish Church.

On Sunday, 26th August 2007 between 6.00 p.m. and midnight, through the following streets: Mikiel Anġ Borg (from Pjazza l-Qalb Imqaddsa up to Regional Road Tunnels Entrance and also up to underneath Manwel Dimech Bridge), Forrest, il-Mensija, San Ġorg, il-Kbira, Lapsi, Sant' Anġlu, it-Telgħa ta' Birkirkara, il-Kbira, Pjazza l-Qalb Imqaddsa, George Borg Olivier, Wied Għomor on to the Parish Church.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

21st August, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 50 ta' l-2007

Logħob tan-Nar mill-Bajja ta' San Ġiljan

Se jsir logħob tan-nar li se jinħaraq minn fuq barkun irmiġġat f'nofs il-Bajja ta' San Ġiljan, 200 metru 'l bogħod mix-xatt sa nhar it-Tnejn, is-27 ta' Awissu, 2007.

Id-dati u l-ħinijiet tal-wirjiet huma kif ġej:
L-Erbgħa t-22, il-Ħamis it-23 u l-Ġimgħa l-24 ta' Awissu, 2007 mis-7.00 p.m. 'il quddiem.
Is-Sibt il-25 u l-Ħadd is-26 ta' Awissu, 2007, il-jum kollu.

L-inġenji tal-baħar u l-għawwiema kollha huma mwissija jżommu 'l bogħod mhux anqas minn 200 metru 'l bogħod mill-barkun irmiġġat.

Ħadd ma jista' jbaħħar fil-bajja waqt li jkunu qed jinħarqu l-maurtali.

Il-21 ta' Awissu, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 50 of 2007

Fireworks Displays from St Julians Bay

Fireworks displays will be let off from a barge moored in the middle of St Julians Bay, 200 metres away from nearest shore up to Monday, 27th August, 2007.

The dates and times of the displays are as follows:
Wednesday 22nd, Thursday 23rd and Friday 24th August, 2007 from 7.00 p.m. onwards.
Saturday 25th and Sunday 26th August, 2007 all day.

All craft and bathers are warned to keep well clear not less than 200 metres from the moored barge.

Navigation within the bay is prohibited during the actual fireworks displays.

21st August, 2007

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2007
Jannar	108.58
Frar	108.86
Marzu	109.40
April	110.16
Mejju	110.44
Ġunju	110.53
Lulju	110.67

RETAIL PRICES INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2007
January	108.58
February	108.86
March	109.40
April	110.16
May	110.44
June	110.53
July	110.67

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	Ġunju 2007	Lulju 2007	Effett fuq l-Indiċi
Ikel			
Frott frisk jew friżat	118.81	132.40	0.20
Ħwejjeġ u Żraben			
Ħwejjeġ ta' l-irgiel	92.90	88.74	-0.06
Ħwejjeġ tas-subien	93.60	82.74	-0.09
Ħwejjeġ tan-nisa	85.27	72.69	-0.24
Ħwejjeġ tal-bniet	90.78	78.26	-0.12
Żraben tan-nisa – bil-wiċċ tal-ġilda	91.98	83.50	-0.10
Trasport u Komunikazzjoni			
Servizz ta' trasport bl-ajru	105.28	109.24	0.19
Fuels	133.07	136.51	0.13

Items causing most change:–

Items	June 2007	July 2007	Effect on Index
Food			
Fruits fresh or chilled	118.81	132.40	0.20
Clothing and Footwear			
Men's outwear	92.90	88.74	-0.06
Boy's outwear	93.60	82.74	-0.09
Women's outwear	85.27	72.69	-0.24
Girl's outwear	90.78	78.26	-0.12
Women's footwear – with uppers of leather	91.98	83.50	-0.10
Transport and Communication			
Air transport services	105.28	109.24	0.19
Fuels	133.07	136.51	0.13

AWTORITÀ TA' L-ISTATISTIKA TA' MALTA

Post ta' Statistiku fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika

L-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta tgħarraf li tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Statistiku fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

2. Ir-remunerazzjoni għall-post ta' Statistiku tinkludi salarju ta' Lm6,540 (€15,234.10) p. a. li jiżdied b'ammont ta' Lm230 (€535.76) kull sena sa massimu ta' Lm7,920 (€18,448.64) p.a. flimkien ma benefiċċji oħra bħal *allowance* għall-kwalifiki.

3. Din in-nomina, li tkun soġġetta għal żmien bi prova ta' sena, hija fuq bażi *full-time* b'kuntratt ta' tliet snin, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra, u suġġetta għar-regoli u regolamenti li jiggvernaw minn żmien għal żmien l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' Statistiku jinkludu:

it-tfassil ta' metodi u proċeduri biex tinġabar data statistika permezz ta' *surveys,* esperimenti u kwestjonarji;

l-użu ta' teknika ta' l-istatistika u mudelli ta' statistiċi biex isiru stimi, tbassir u analiżi;

il-kumpilazzjoni ta' rapporti statistiċi u analitiċi;

xogħol ta' riċerka f'materji ta' natura ta' statistika u żviluppi internazzjonali fil-metodoloġiji ta' l-istatistika;

5. L-applikanti għandhom:

a) i. ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

ii. ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

iii. ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropeja għall-moviment ħieles ta' persuni; (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea);

JEW

iv. il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii), u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti.

MALTA STATISTICS AUTHORITY

Post of Statistician at the National Statistics Office

The Malta Statistics Authority invites applications for the filling of the post of Statistician at the National Statistics Office.

2. The remuneration for the post of Statistician is a salary of Lm6,540 (€15,234.10) p.a. rising by annual increments of Lm230 (€535.76) up to a maximum of Lm7,920 (€18,448.64) together with other benefits including allowances for qualification.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and on a three-year contract which may be renewed for further periods. The appointment is subject to the rules and regulations governing from time to time employment with Malta Statistics Authority.

4. The duties of a Statistician include:

the design of methods and procedures for obtaining data through surveys, experiments and questionnaires;

the use of statistical techniques and models for estimation, forecasting and analysis;

the compilation of statistical and analytical reports;

the undertaking of research into statistical issues and international statistical methodological developments;

5. Applicants must:

a) i. be citizens of Malta;

OR

ii. be citizens of another European Union Member State;

OR

iii. be citizens of other countries to which the European Union provisions on free movement of persons apply; (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which European Union provisions apply);

OR

iv. be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation.

Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

In-nomina ta' kandidat kif imsemmija f'paragrafi (ii), (iii), u (iv) kif imsemmija hawn fuq, ikun neċessarju l-ħruġ ta' liċenza tal-impjieg hekk kif huwa meħtieġ fl-Att tal-Immigrazzjoni u Leġislazzjoni Sussidjarja

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikunu gradwati ta' l-anqas bi grad *Honours* fl-Istatistika, fl-Ekonomija, fil-Matematika, fis-Soċjoloġija, fl-*Accountancy,* fil-*Banking* jew fil-Finanzi bi klassifikazzjoni *Second Class Lower* bħala minimu.

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb. Għandu jiġi ppreżentat ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa. Impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jistgħu japplikaw iżda jkunu jridu jirreżinjaw jekk jintgħażlu għal din il-pożizzjoni.

e) jagħtu prova tal-kompetenza tagħhom fl-użu tal-kompjuter.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabiltà (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-Management and Personnel Office.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta VLT 2000 u tkun ikkupjata lill-KNPD, sad-data ta' l-għeluq.

7. Applikazzjonijiet *handwritten* flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat li juri l-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol, kif ukoll kopji ta' ċertifikati u dokumenti oħra għandhom jintbagħtu lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta VLT 2000. Ċertifikati u dokumenti oħra oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession of an Honours degree in Statistics, Economics, Mathematics, Sociology, Accountancy, Banking or Finance with Second Class Lower classification as a minimum.

d) be of good moral character. A recent Police certificate of conduct or of another competent Authority issued not earlier than six (6) months from the date of this call should be presented. Employees serving in the Public Service of Malta may also apply but they must resign their position if chosen for the post of Statistician.

e) Supply proof of their competence in computer use.

6. Person registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in term of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000 and copied to the NCPD, by the closing date.

7. Handwritten applications together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and work experience, together with copies of certificates and testimonials should be sent to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000. Original certificates and testimonials should be produced for verification during the interview.

8. Persuni li jinħatru fil-post ta' Statistiku jistgħu jkunu meħtieġa isegwu studju u/jew taħriġ f'Malta jew barra minn Malta. Min jintbagħat barra minn Malta jkun marbut bir-regoli u regolamenti ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

9. L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' Għażla sabiex jiġi stabbilit l-adattament tagħhom għal dan il-post.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li jkunu adatti għal dan il-post.

11. Applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta VLT 2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, il-5 ta' Settembru 2007.

12. Applikazzjonijiet li jiġu minn barra minn Malta permezz tal-posta, *fax* jew *e-mail* sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji rikjesti kollha. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika huwa (+356) 2599 7103 u l-indirizz ta' l-*e-mail* huwa nso@gov.mt

13. Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika għal kull applikazzjoni li titwassal personalment.

14. Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jiġu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu mhux aktar tard mid-data ta' l-għeluq. Tintbagħat rċevuta mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fi żmien sebat (7) ijiem.

Numru tal-Permess tal-ETC: 197/2006

Il-21 ta' Awissu 2007

8. The persons appointed to the post of Statistician may be required to follow courses and/or training locally or abroad. Appointees proceeding abroad will be bound by the rules and regulations of the Malta Statistics Authority.

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to establish whether they are suitable for this post.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain his/her fitness for the post.

11. Applications will be received in the first instance by the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000 by not later than noon of Wednesday, 5th September 2007.

12. Applications received from abroad by post, fax or e-mail by the closing date will be considered, provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the National Statistics Office by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The National Statistics Office fax number is (+356) 2599 7103 and e-mail address nso@gov.mt

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, National Statistics Office and a receipt will be given at the time of delivery.

14. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, National Statistics Office within seven (7) days.

ETC Permit Number: 197/2006

21st August 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ *lecturers* fl-oqsma li ġejjin:

Electrical Technology ***(Permess ta' l-ETC Nru. 147/2007)***

L-applikanti għandu jkollhom l-ewwel *degree* fl-Inġinerija Elettrika. Applikanti li jkollhom Diploma fl-*Industrial Electronics* jew HTD fl-Inġinerija Elettrika u ta' l-anqas

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit lecturers in the following areas:

Electrical Technology (ETC Permit No. 147/2007)

Applicants should hold a first degree in Electrical Engineering. Applicants holding a Diploma in Industrial Electronics or a HTD in Electrical Engineering and who have a

ħames snin esperjenza prattika jiġu wkoll ikkunsidrati. Ikun ta' vantaġġ jekk wieħed ikollu l-Liċenzi **'A' u 'B' ta'** l-Istallazzjoni Elettrika

*Microcontrollers/Microprocessors (***Permess ta' l-ETC** *Nru. 148/2007*

L-applikanti għandhom ikunu gradwati mill-Università fl-Elettronika. Applikanti li jkollhom Diploma fl-*Industrial Electronics* **jew HTD fl-Inġinerija Elettrika u ta' l-anqas ħames** snin esperjenza prattika jiġu wkoll ikkunsidrati.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni, flimkien ma' l-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, sa nhar it-Tnejn, l-10 ta' Settembru, 2007, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini ta' l-Amministrazzjoni, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, Kordin, Raħal Ġdid, PLA 9032.

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

Il-21 ta' Awissu, 2007

minimum of 5 years relevant practical experience will also be considered. Possession of Electrical Installation Licences 'A' and 'B' will be considered an asset.

Microcontrollers/Microprocessors (ETC Permit No. 148/2007)

Applicants should be University graduates in Electronics. Applicants holding a Diploma in Industrial Electronics or a HTD in Electrical Engineering with a minimum of 5 years relevant industrial experience will also be considered.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 10th September, 2007, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to the Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Paola, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

21st August, 2007

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post fix-Xjenza tal-Kompjuter
Fakultà tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni
u l-Komunikazzjoni

Min jiġi maħtur ikun mistenni jikkontribwixxi fit-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fid-Dipartiment tax-Xjenza tal-Kompjuter fil-Fakultà tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u kif ikun meħtieg mill-Università.

Il-qasam ta' l-ispeċjalizzazzjoni hi:

Systems and Software Security, Security-Centred Development and Security-Oriented Modelling and Testing, and Formal reasoning.

Il-kandidati huma mistennija li jesegwixxi xogħol fil-*lecturing* f'xi qasam ta' interess għad-Dipartiment.

Idealment il-kandidat irid ikollu evidenza tar-riċerka u jkun kapaċi li jmexxi xogħol speċifiku fir-riċerka tax-Xjenza fil-Kompjuter, u kif ukoll li fi żmien mistenni, jiżviluppa, iżomm u jimmaniġġa oqsma fi speċjalizzazzjoni kif ikun iddettat mill-istrateġija tad-dipartiment. F'dan ir-rigward, tkun meqjusa bħala vantaġġ minn ikollu diġà esperjenza fil-parteċipazzjoni fil-*University-level project* u/jew *management*.

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Computer Science
Faculty of Information
and Communication Technology

Id-dokumenti relevanti jistgħu jinġabru mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku fil-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-21 ta' Awissu, 2007

SANNAT LOCAL COUNCIL

The Sannat Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the administrative office up to noon of Tuesday, 4th September, 2007, for:-

Quot. No. 02/2007. Service of a child minder during primary school transport for the scholastic year 2007/2008.

Quot. No. 03/2007. Service of transport for primary school children for the scholastic year 2007/2008.

Relevant documents may be collected from the administrative office during during office hours.

Quotations will be open in public on the time and closing date.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advcantageous.

21st August, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1145

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-20 ta' Frar 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti tal-20 ta' Frar 2007, fuq talba ta' Dr Luigi A. Sansone noe, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimata Al Tawareg Co fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 166/07 AF, fl-ismijiet Dr Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' l-identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Caterpillar Inc., inkorporata taħt il-liġijiet ta' l-istat ta' Delaware, Stati Uniti ta' l-Amerika, bl-uffiċċju prinċipali li jinsab f'100 NE Adams Street, Peoria, Illinois, 61629-9620, Stati Uniti ta' l-Amerika vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Altawareg Co, ta' Airport Street, Benghazi, il-Libja, fil-15 ta' Frar 2007, ir-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1) tiddikjara li l-oġġetti u cioè t-T-shirts li fuqhom hemm żewġ sinjali partikolari 'GTA' u li għandhom tikketta (tag) annessa magħhom fejn jidher l-isem 'Caterpillar Inc' miktub fuq naħa waħda u sinjali konsistenti fil-kelma 'GAT' rappreżentata b'mod figurattiv partikulari fuq in-naħa l-oħra oltre għall-materjal ta' pakkettjar relattiv kontenenti l-kelma 'GAT' rappreżentata darbtejn b'mod fiġurattiv partikulari, liema oġġetti jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx ta' l-Container ECMU 2006807 kontenenti l-imsemmija oġġetti jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-Kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oggetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill- u a spejjeż ta' l-konvenuta;

3) tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

It is hereby notified that by means of a decree of the 20 th February 2007, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 20th February 2007, following a request of Dr. Luigi A. Sansone noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent Al Tawareg Co in the records of the Sworn Application number 166/07 AF, in the names Dr. Luigi A. Sansone noe vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B (Hons) LLD. Holder of identity card number 258269 letter 'M' as special mandatary of the foreign company Caterpillar , Inc. incorporated under the laws of the state of Delaware, United States of America, with its principal office, situated at 100 NE Adams Street, Peoria, Illinois 61629 -9620, United States of America vs Deputy Curators to represent Alktawareg Co. of Airport Street, Benghazi, Libya, on the 15th February 2007, the applicant asked this Honourable Court to declare;

1) that the objects and that is the T-Shirts on which there are two particular signs 'GTA' and which have a label (tag) attached to them where the name 'Caterpillar Inc' written on one side and signs consisting in the word 'GAT' represented figuratively in a particular manner on the other side besides the relative packing material containing the word 'GAT' represented twice in a particular figurative manner, which objects are presently under the authority of the Comptroller of Customs after he suspended the release of the Container ECMU 2006807 containing the said objects contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company;

2) Order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the Chanels of Commerce in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to and the costs of the defendant;

3) to take or order the Comptroller of Customs to take as regard those objects any other measure that shall have the effect to deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

4) tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, inklużi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oġġetti għall-ħażna qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess, tat-trasport mil-lok tal-ħażna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Attur Nomine: Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-Karta ta' l-identità Nru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Caterpillar INC., inkorporata taħt il-liġijiet ta' l-Istat ta' Delaware, Stati Uniti ta' l-Amerika, bl-uffiċċju prinċipali li jinsab f'100, NE Adams Street, Peoria, Illinois 61629 -9620, Stati Uniti ta' l-Amerika.

84, Triq Melita, Valletta VLT 12.

Konvenuta: Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Al Tawareg Co, ta' Airport Street, Benghazi Road, il-Libja.

Il-Qorti Valletta, (żewġ notifiki).

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu , inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco, LL.D.

Illum, 20 ta' Frar 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4) to order that the defendant shall bear all the costs connected with the measures ordered in terms of the second and third demands of the plaintiff, including those of transport of the said objects for storage before there eventual destruction of the storage itself of the transport from the place of storage till the eventual destruction and the destruction itself.

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to its evidence.

List of Witnness.

List of Documents.

Plaintiff Nomine: Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. holder of Identity Card number 258269 'M' as special mandatary of the foreign company Caterpillar incorporated under the laws of the State of Delaware, United States of America, wth the head office at 100, NE Adams Street, Peoria, Illinois 61629 -9620, United States of America.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant: Deputy Curators to represent Al Tawareg Co. of Airport Street, Airport Street, Bengħazi, Libya.

Courts of Justice, Valletta (two services)

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summons whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Joseph R. Micallef, LL.D., Doctor of Laws.

Today, 20th February 2007.

Registry of the Superior Courts, today 16th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1146

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti 16 ta' Awissu 2007 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut Anthony Gauci ta' Flat 4, Għajn Mhelhel, Triq Għajn Mhelhel, iż-Żebbuġ, Għawdex.

Is-soċjetà Maltacom plc ta' Spencer Hill, Marsa, Malta ippreżentat Avviż tat-Talba fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) – Talba Nru 11/2007 fl-ismijiet "Maltacom plc versus Anthony Gauci" – fit-12 ta' Ġunju 2007 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Anthony Gauci ta' Flat 4, Għajn Mhelhel, Triq Għajn Mhelel, iż-Żebbuġ, Għawdex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm401.19 (€934.52) dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jġib in-numru 21578190 (a/c 10204307) skond diversi kontijiet mibgħuta. Bl-ispejjeż, bl-imgħaxijiet u drittijiet legali.

Il-każ huwa differit għat-8 ta' Ottubru 2007 fil-11.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati u Tribunali (Għawdex), illum 16 ta' Awissu 2007

SILVANA GRECH
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Għawdex

IT IS hereby notified that by virtue of a decree given on the 16th August 2007, the Small Claims Tribunal (Gozo) ordered the publication of the following notice for the purposes of service in terms of section 187(3) of Chapter 12 of the Laws of Malta in respect of Anthony Gauci of Flat 4, Għajn Mhelhel, Ghajn Mhelhel Street, Żebbuġ, Gozo.

The plaintiff company Maltacom plc of Spencer Hill, Marsa, Malta filed a Notice of Claim in the Small Claims Tribunal (Gozo) – Claim number 11/2007 in the names "Maltacom plc versus Anthony Gauci" – on the 12th June 2006 wherein it was requested that the Tribunal condemn the defendant Anthony Gauci of Flat 4, Ghajn Mhelhel, Ghajn Mhelhel Street, Zebbug, Gozo to pay the plaintiff company the sum of Lm401.19 (€934.52) being arrears due in connection with the telephone service with number 21578190 (a/c 10204307) according to several bills submitted. With expenses, relative interest and legal fees.

The case is differed to 8th October 2007 at 11.30 a.m.

Registry of the Gozo Courts and Tribunals, this 16th August 2007.

SILVANA GRECH
f/Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1147

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-10 ta' Mejju, 2007, fil-kawża Att ta' Akkuża Nru11/2000 – fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta kontra:

Brian Godfrey Bartolo, iben John u Carmen neé Sevasta, imwieled tal-Pietà fis-26 ta' Frar, 1972, residenti 97, Alimata Court, No. 2, Triq il-Wied, il-Mosta, u li għandu n-numru tal-identità 169772(M)

Ordnat il-kanċellazzjoni tas-sekwestru f'idejn terzi persuni b' mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil/jew imissu lilu, jew li huma propjetà tiegħu u għaldaqstant l-istess Brian Godfrey Bartolo jista' jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull proprjetà mobbli jew immobbli, u dana b'effett mit-12 ta' Marzu 2007.

L-ordni ta' sekwestru tal-assi kollha kienet ġiet mogħtija b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-13 ta' Lulju, 1999 u kienet ġiet debitament pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 16,817 fis-16 ta' Lulju, 1999.

Reġistru tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), ilum 17 ta' Awissu, 2007.

PAUL MIRUZZI
Reġistratur

It is hereby notified that by a decree given by the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction) on the 10th May, 2007, Bill of Indictment Number 11/2000 – in the names The Republic of Malta versus:

Brian Godfrey Bartolo, son of John and Carmen neé Sevasta, born at Pietà on the 26th February, 1972, residing at 97, Alimata Court, No. 2, Triq il-Wied, Mosta, holder of Identity Card No. 169772(M)

Ordered the cancellation of the attachment order in the hands of third parties in a general manner of all monies and any moveable property which would have been due to him or belonging to him and thus the above named Brian Godfrey Bartolo may now transfer or in any other way dispose of all moveable or immoveable property and this with effect from 12th March, 2007.

The original attachment order of all his assets was given by the Courts of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 13th July, 1999 and duly published in the Malta Government Gazette Number 16,817 on the 16th July, 1999.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), to-day 17th August, 2007.

PAUL MIRUZZI
Registrar

1148

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-25 ta' Ġunju, 2007 fuq rikors ta' Mary Galea et ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 1 ta' Novembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Ġunju, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond "Merħba" f'Għar Lapsi, limiti tas-Siġġiewi, senjatament plot numru 2C stmat li jiswa Lm20,000 (€46,587.47).

L-imsemmi fond huwa proprjeta ta' Anthony sive Twanny u martu Maria Licia Baldacchino.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Albert Borg Costanzi fir-relazzjoni tieghu maħlufa fis-7 ta' Frar, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Awissu, 2007.

CLAIRE SEVASTA B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 25th June, 2007 on the application of Mary Galea et, Thursday, 1st November, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th June, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The property named 'Merħba' in Għar Lapsi, limits of Siġġiewi, erected on plot No. 2C valued at Lm Lm20,000 (€46,587.47).

The said tenement is the property of Anthony sive Twanny and Maria Licia spouses Baldacchino.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Albert Borg Costanzi on 7th February, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 17th August, 2007.

CLAIRE SEVASTA B.A. (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1149

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-4 ta' April 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc Vs Alex Grima (ID 212771M)

Is-soċjetà kummerċjali Maltacom p.l.c. (C22334) ippreżentat rikors fil-14 ta' Frar 2006 fejn talbet illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Avv Nru 2315/98MM) ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Frar 1999, u fl-istess kawża l-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-Maltacom plc is-somma ta' Lm360.08 tliet mija u sittin lira Maltija u tmien ċenteżmi (€838.76) in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 411053 u 3413780, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut kien għadu ma ħallas xejn u b'hekk l-ammont dovut fil-mument huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm93.47 tlieta u disgħin lira Maltija u seba' u erbgħin ċenteżmu (€217.73) spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa Dokument "A" kif ukoll Lm199.24 mija u disgħa u disgħin lira Maltija u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€464.10) imgħax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-data tas-sentenza sal-lum u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm652.79 sitt mija u tnejn u ħamsin lira Maltija u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,520.59) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 4th April 2006, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc Vs Alex Grima (212771M)

The commercial company Maltacom p.l.c (C22334) presented an application on the 14th February 2006 whereby it asked that the claim in the names above mentioned (Not No 2315/98MM) decided by the said Court on the 22nd February 1999, and in the same claim the defendant was ordered to pay Maltacom plc the sum of Lm360.08 three hundred and sixty Maltese liri and eight cents (€838.76) in connection with telephone services with the numbers 411053 and 313780 with interest and costs.

From the said sum the defendant didn't pay anything, and the amount due at the moment is the sum indicated above, and also Lm93.47 ninty three Maltese liri and forty seven cents (€217.73) expenses and professional fees as indicated in the annexed bill of cost marked Document A and also Lm199.24 one hundred and ninty nine Maltese liri and twenty four cents (€464.10) legal interest calculated at eight percent (8%) per year from the date of judgement till today, and so the amount due is Lm652.79 six hundred and fifty two Maltese liri and seventy nine cents (€1,520.59) saving any further interest till the effective payment.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

Rikorrenti: Spencer Hill, Marsa

Intimat: Alex Grima,
Grands, Blk B, Flat 3, Triq Maria Teresa Spinelli,
Il-Gżira.

Fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta

Maġistrat: Dr Michael Mallia

Il-Qorti rat ir-rikors u tordna notifika lill-intimat b'erbat ijiem żmien għar-risposta.

Illum 16 ta' Frar 2006

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' Awissu 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

From the date of the sentence more than five (5) years have passed and the applicant has an interest to proceed by means of the opportune warrants to gather the amount due to it.

Thus the applicant, whilst reference is made to article 258 et sequitur of the of the Code of Civil Procedure and Orginasation (Cap 12) of the Laws of Malta, prays with respect to this Honorable Court that they be authorized to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above mentioned.

Plaintiff: Spencer Hill, Marsa.

Defendant: Alex Grima,
Grands, Blk B, Flat 3, Triq Maria Teresa Spinelli,
Gżira.

In the Court of Magistrates Malta

Magistrate Dr Michael Mallia

The Court saw the application andorders that the debtor be notified and he has to file a reply within four days.

Today 16th February 2006.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 17th August 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

1150

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Settembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Frank Borda Limited (C446) ta' Testaferrata Street, Msida, ippreżentaw Talba fid-19 ta' Mejju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Dominic Chircop (ID 686262M) u Venus Chircop (ID16894A) ta' Fontana, Flat 2, Triq San Ġorg, Ħal Safi, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u sitta u tletin lira Maltija u wieħed u erbgħin ċenteżmu Lm436.41(€1,016.56) liema ammont huwa dovut lis-soċjetàattriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawza (1113/05MK) hija differita għat-28 ta' Settembru 2007 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 17 ta' Awissu 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 30 September 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Art. 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Frank Borda Limited (C446) of Testaferrata Street, Msida filed a Claim on the 19th May 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Dominic Chircop (ID686262M) and Venus Chircop (ID 16894A) of Fontana, Flat 2, Triq San Ġorġ, Safi, to pay the plaintiff company the sum of four hundred and thirty six Maltese liri and forty one cents Lm436.41 (€1,016.56) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1113/05MK) is put off on the 28th September 2007 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 17th August 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1151

Fil-Qorti Ċivili Prim Awla

Fl-atti tas-Subasta Numru: 151/04, fl-ismijiet:

Francis Fenech et (ID 812254M) vs Travellers Lodge Co Ltd (C12962)

Imħallef: Onor Dott. Gino Camilleri LL.D.

Il-Qorti:

Wara li rat il-liberazzjoni tas-27 ta' Ottubru 2005, favur Bank of Valletta plc bil-prezz ta' Lm220,000 (€512,462.15) 'animo compensandi', rigward il-fond hawn taħt imsemmi u li jappartjeni lil Travellers Lodge Co Ltd u cioè:

Korp ta' bini cioè Hotel bla numru magħruf bħala 'Travellers Lodge Hotel' b'faċċata fuq Pioneer Road, Buġibba kantuniera ma' Triq il-Ħġejjeġ, stmat li jiswa Lm1,575,000 (€36,68763.10).

Billi fi ż-żmien stabbilit mil-Liġi FCJR Co Ltd kiser il-kwindena u offra Lm400,000 (€931,749.36) għall-fond hawn fuq imsemmi;

Fuq talba tal-Bank of Valletta plc, tiddekreta u tagħżel il-bejgħ b'irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-fond hawn fuq imsemmi il-jum tat-Tlieta 27 ta' Novembru 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati il-kreditur, id-debitur, il-liberatarju u dak li offra l-aħħar.

Ir-Reġistru ta' Qrati Superjuri, illum 27 ta' Lulju, 2007

CLAIRE SEVASTA B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale No. 151/2004 in the names:

Francis Fenech et (ID 812254M) vs Travellers Lodge Co Ltd (C12962)

The Honourable Dott. Gino Camilleri LL.D.

The Court:

Following the adjudication of the 27th October 2005, in favour of Bank of Valletta plc for the price of Lm220,000 (€512,462.15) 'animo compensandi', for the hereunder mentioned property that belong to Travellers Lodge Co Ltd, namely:

Hotel known as 'Travellers Lodge Hotel, accessible from Pioneer Road Bugibba corner with Triq il-Ħġejjeġ, valued at Lm1,575,000 (€3,668,763.10).

Whereas FCJR Co Ltd interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm400,000 (€931,749.36) for the above mentioned tenement.

Following the request of Bank of Valletta plc, The Court therefore decrees and appoints Tuesday, 27th November 2007 between 9am and noon as the date for the Final sale by auction of the aforementioned immovable, which sale is to be held in the corridors of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Registry of the Superior Courts, today the 27th July 2007

CLAIRE SEVASTA B.A (HONS)
For the Registrar of Courts and Tribunals

1152

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Frar 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4701/05 fl-ismijiet Michael Attard Holdings Limited ġà Michael Attard Limited vs HP Cole Ltd ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, illum 4 ta' Novembru 2005

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 19th February 2007, in the records of the judicial letter number 4701/05, in the names Michael Attard Holdings Limited previously Michael Attard Limited vs HP Cole Ltd, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Courts, today 4th November 2005

Lil HP Cole Ltd
65/66 Marina Street
Pietà

Lil Kenward Cole
Dama Di Quadri
Triq il-Baltiku
San Ġiljan

Bil-preżenti s-soċjetà Michael Attard Holdings Limited ġà Michael Attard Limited (C 6093) ta' National Road, Blata l-Bajda qed tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att intom tħallsu s-somma ta' sitt elef tlieta u tmenin Lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm6,083.78) (€14,171.40) rappreżentanti bilanċ ta' import ta' erbatax (14) il-kambjala ffirmati minnkom liema kambjalijiet skadew fil-11 ta' Awissu 2004, fil-11 ta' Settembru 2004, fil-11 ta' Ottubru 2004, fil-11 ta' Novembru 2004, fil-11 ta' Diċembru 2004, fil-11 ta' Jannar 2005, fil-11 ta' Frar 2005, fil-11 ta' Marzu 2005, fil-11 ta' Awissu 2005, fil-11 ta' Settembru 2005 (li kopja ta' dawn il-kambjalijiet qed tiġi hawn annessa) iżda baqgħu ma tħallsux lis-soċjetà esponenti li hija kreditriċi tagħkom fis-somma fuq indikata ta' Lm6,083.78 (€14,171.40) u dana oltre l-imgħax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sad-data effettiva tal-pagament.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titoli eżekuttivi tagħha hawn indikati u dana ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi intom qed tiġu informati illi a tenur ta' l-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 intom għandkom id-dritt f' żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' dan l-Att biex tippreżentaw Rikors sabiex topponi l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjalijiet.

Fin-nuqqas li taderixxu ma' dina l-intimazzjoni s-soċjetà se tgħaddi għall-esekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi tagħha u dana ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

To HP Cole Ltd
65/66 Marina Street
Pietà

To Kenward Cole
Dama di Quadri
Baltiku Street
St. Julian's

By the present the company Michael Attard Holdings Limited previously Michael Attard Limited (C 6093) of National Road, Blata l-Bajda is calling upon you so that within two days from the date of service of this act you pay the sum of six thousand and eighty three Maltese Liri and seventy eight cents (Lm6,083.78) (€14,171.40) representing balance of value of fourteen (14) bills of exchange signed by you which bills of exchange lapsed on the 11th August 2004, on the 11th September 2004, on the 11th October 2004, on the 11th November 2004, on the 11th December 2004, on the 11th January 2005, on the 11th February 2005, on the 11th March 2005, on the 11th August 2005, on the 11th September 2005 (a copy of these bills of exchange is being hereby attached) but were not paid to the interpellant company, which is your creditor in the sum indicated of Lm6,083.78 (€14,171.40) and this besides interest from the date of maturity of each bill of exchange till the date of payment.

By the present the interpellant company is rendering executable its executive titles here indicated and this in terms of Article 253 (e) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of Article 253 (E) of Chapter 12 you have the right so that within twenty days (20) from the date of service of this Act to file an application to oppose the execution of these bills of exchange.

If you fail to abide with this calling the company shall pass to the execution of its executive titles and this in terms of Article 256 (2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

This official letter is om terms of Article 256(2) of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Superior Courts today 17th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1153

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Lulju 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 563/07 FS fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Cheryl Gatt et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 31st July 2007, in the records of the Sworn Application number 563/07 FS in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Cheryl Gatt et, ordered the following publication

biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata Cheryl Gatt, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ipprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs 1. Cheryl Gatt (I.D. Numru 22956A) 2. Dr Richard Sladden u PL Victor Bugeja li b' digriet tal-15 ta' Ġunju 2007 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Christopher Gatt (I.D. Nru 177572M) fil-21 ta' Mejju 2007, ir-rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. talab il-konvenuti għaliex m' għandhiex din il-Qorti tilqa' it-talbiet tas-soċjeta' attrici ;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati imsemmija fir-Rikors (u hawn esebit bhala Dokument 'A', 'B' 'C' u 'D') partikolarment imma mhux esklussivament , billi Christopher Gatt u Cheryl Gatt (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkustanzi ta' l-istess Christopher Gatt u Cheryl Gatt li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

2. Tikkundanna lil Christopher Gatt u Cheryl Gatt iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitta u sebgħin elf u disgħin Lira Maltija u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm76,090.47) (€17,7243.12) bilanċ għad-debitu fil-'Loan u Savings Accounts' ta' Christopher Gatt u Cheryl Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok 'Ei sa E4' ,Dok 'F' u Dok 'G') flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-31 ta' Jannar 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata fl-24 ta' Novembru 2006 kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Xhieda.

Elenku tad-Dokumenti Esebiti.

Soċjetà Attriċi: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5 Palace Square, Valletta.

Konvenuti: 1. Cheryl Gatt
'Butterfly' Flat 2, Triq ir-Rattan,
Mellieħa, Malta.

2. ….Omissis.. ……

Qorti Ċivili Prim'Awla

Imħallef: Onor. Lino Farrugia Sacco, B.A. LL.D.

Rikors Numru 563/07 FS

for the purpose of service of the respondent Cheryl Gatt, in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs 1. Cheryl Gatt (I.D. Number 22956A) 2. Dr. Richard Sladden and LP Victor Bugeja who by decree of the 15th June 2007 were appointed Deputy Curators to represent the absent Christopher Gatt (I.D. Number 177572M), on the 21st May 2007, the applicant Bank of Valletta p.l.c. asked the defendant why this Court should not uphold the demands of the plaintiff company;

1. Declare and decide that there occurred one or more of the events mentioned in the contracts and private writings mentioned in the Application (and herein exhibited as Document 'A' 'B; 'C' and 'D') particularly but not exclusively, as Christopher Gatt and Cheryl Gatt (a) failed to make payments due to the interpellant company as stipulated in the said contracts and private writings , (b) failed in other obligations assumed by them in the same contracts and private writings above indicated and (c) there is a material change of circumstances of the same Christopher Gatt and Cheryl Gatt, which endanger or badly affect the possibility of repayment of the said debt due to the plaintiff company.

2. Condemn Christopher Gatt and Cheryl Gatt to pay the plaintiff company the sum of sixty seven thousand and ninety Maltese Liri and forty seven cents (Lm76,090.47) (€177243.12) balance of debt in the 'Loan and Savings Accounts' of Christopher Gatt and Cheryl Gatt with the Bank of Valletta p.l.c. (Doc E1 to E4, Doc 'F' and Doc 'G;) together with further interest from the 31st January 2007 till the date of effective payment;

With costs, including those of the judicial letter dated 24th November 2006 against the defendants who are summoned from now to appear in order to a reference to their evidence be made.

Witnesses.

List of Documents Exhibited.

Plaintiff Company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Palace Square, Valletta.

Defendants: 1. Cheryl Gatt
' Butterfly ' Flat 2, Rattan Street,
Mellieha, Malta.

2.…Omissis……

Civil Court First Hall

Judge: Hon. Lino Farrugia Sacco B.A. LL.D.

Application Number 563/07 FS

Bank of Valletta p.l.c. Vs Cheryl Gatt et

Appuntat għall-20 ta' Novembru 2007, fil-11.00 a.m.

Illum 21 ta' Ġunju 2007.

Il-Qorti rat ir-Rikors u l-atti relattivi u tordna:

Lir-rikorrent biex b' nota ppreżentata fi żmien għoxrin jum mill-komunika (kopja ta' liema digriet għandha tintbagħat minnufih lil Dr Dominic Cassar) kif ukoll lill-intimat biex fir-risposta tiegħu kull wieħed minnhom jgħid:

1. fid-dettall u mhux mod ġeneriku xi prova jridu jagħmlu b'kull xhud, billi jelenkaw wieħed wieħed il-fatti li jridu jagħmlu l-prova tagħhom b' kull wieħed mix-xhieda; u jgħidu min mix- xhieda jistgħu jixhdu b' affidavit; Il-Qorti tagħmilha ċara li jekk dan ma jsirx fiż-żmien mogħti tordna l-isfilz tal-lista tax-xhieda u ma tippermettix produzzjoni ta' xhieda;

2. fil-każ illi hemm dokumenti li għadhom mhumiex fl-atti, jesebixxu d-dokumenti kollha relattivi għall-każ tagħhom; fil-każ li dawn id-dokumenti ma jistgħux jinġiebu f'dan l-istadju għax qegħdin f' idejn terzi, jgħidu liema huma dawn id-dokumenti u f'idejn min qegħdin.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru Qrati Superjuri, it-Tnejn 21 ta' Mejju 2007, ir-Rikors Nru 563/2007 FS, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Cheryl Gatt et, ġie imqiegħed fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 2007, fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Bank of Valletta p.l.c.Vs Cheryl Gatt et

Appointed to the 20th November 2007 at 11.00am.

Today 21st June 2007.

The Court saw the Application and the relative acts and orders

The Applicant so that by means of a note filed within twenty days from the service (copy of which decree is to be sent immediately to Dr Dominic Cassar) as well as the respondent so that in his reply each one of them states ;

1. in detail and not generically what proof they want to make by means of each witness, by listing one by one the facts that they want to make by their proof by each one of the witnesses; and state who of the witnesses can testify by affidavit; the Court makes it clear that if this is not done within the time given orders that the list of witnesses be removed and does not permit the bringing forward of evidence;

3. in case that there are documents which are not in the records they exhibit all the documents relative to their case; in case these documents cannot be brought at this stage because they are in the possession of third parties; they state which are these documents and in whose possession they are.

By a Notice of hearing issued by the Registry Superior Courts, on Monday 21st May 2007, the Application Number 563/2007 FS, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Cheryl Gatt et,was put on the list of causes which are to be heard on Tuesday 20th November 2007 at 11.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 17th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*